# REĠJUN TRAMUNTAdNA

112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar SPB 2617, Malta.

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 5 ta' 2023, miżmuma nhar it-2 ta' Mejju 2023, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.**

Il-Laqgħa bdiet fis-sitta u kwart ta' filgħaxija.

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | | |
|---|---|---|---|
| • John Buttigieg | Mellieħa LC | | Membru |
| • Chris Grech | Mosta LC | | Membru |
| • Kyle Mifsud | Mtarfa LC | | Membru |
| • Stephen Gatt | Balzan LC | | Membru |
| • Anne Marie Fenech Adami | Naxxar LC | (Online) | Membru |
| • Paul Vella | Mġarr LC | | Membru |
| • Stephen Cordina | Attard LC | | Membru |
| • Trevor Fenech | San Ġwann LC | (Online) | Membru |
| • Alfred Grima | San Pawl il-Baħar LC | | Membru |

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla

Membri Skużati:

| | |
|---|---|
| • Clifford Galea Vella | President |



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

**AĠENDA**

1.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
2.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3.1 Komunikazzjoni tal-President;
4.1 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri;
5.1 Kumunikazjoni –
- 5.1.1 Eu Week
- 5.1.2 MWE Draft Proposal Eco-design for Sustainable Product Regulations (ESPR)
- 5.1.3 MME Draft Proposal Synchronising The Taxonomy with Waste Legislation, Green Deal Climate Goals and REPowerEU

6.1 Rapporti;
- 6.1.1 Audited Financial Statement
- 6.1.2 1st Quarter Management Accounts

7.1 Affarijiet oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Regjonali li jkunu meħtieġa;
- 7.1.1 Regional Managers DLG assignment
- 7.1.2 Projects Update
- 7.1.3 Enviormental update
- 7.1.4 Culture update
- 7.1.5 Waste Managment
- 7.1.6 Tenders update
- 7.1.7 Expession of interest – office space
- 7.1.8 DPO Proposal (SPB)

---

Il-Laqgħa nfetħet fis-18:05 mil-Viċi President, is-Sinjura Anne Marie Muscat Fenech Adami.

## - 1.1 Qari t' Apoloġiji

Stefan Cordina kien skużat minħabba li kien jinsab imsiefer. Is-Sur Cordina daħal għal xi ħin online.

## - 2.1 Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-laqgħa numru 4 miżmuma fit 13 ta' Marzu 2023 ittieħdu bħala moqrija.
Kyle Mifsud ippropona li jkunu approvati u Stefan Cordina issekonda l-mozzjoni.
Il-membri qablu unanimament.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

## - 3.1 Komunikazzjoni mil-President

## 4.1 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

## 5.1 Komunikazzjoni

5.1 – Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-ittra rigward EURegion and Cities week li tinżamm f'Otturbu 2023. Il-membri ddiskutew il-parteċipazzjoni tar-Reġjun u l-Kunsilli Lokali. Paul Vella ippropona li r-Reġjun jibgħat membri tar-Reġjun jew sostitut fin-nuqqas li membru ma jkunx jista jattendi. Angelo Micallef issekonda l-mozzjoni u żied li l-persuna li tattendi għandha tkun nominata mis-Sindku. Il-Membri qablu unanimament.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ser jara xi spejjeż hemm u jitlob reviżjoni tal-budget allokat għas-safar jekk hemm bżonn. Alfred Grima qal li l-proċedura msemmija mis-Segretarju Eżekuttiv hija korretta u għandu jkun hemm tali aġustamenti. Is-Segretarju Eżekuttiv intalab jibgħat aktar dettalji fuq EU Region and Cities week.

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta żewġ position papers ippreparati minn Municipal Waste Europe, li r-Reġjun huwa membru tiegħu. Dawn kienu mibgħuta mal-minuti u l-membri qablu li r-Reġjun jaqbel mal-pożizzjoni meħuda minn MWE.

## 6.1 Rapporti

6.1.1 – Approvar tar-rapport finanzjarju uditjat. Il-Viċi President Anne Marie Muscat Fenech Adami talbet biex il-laqgħa tkun sospiża sabiex ikun ippreżentat ir-rapport finanzjarju. Angelo Micallef issekonda l-mozzjoni. Il-laqgħa kienet sospiża.

Wara li nfetħet il-laqgħa, is-Sinjura Muscat Fenech Adami proponiet li r-rapport finanzjarju uditjat ikun approvat. Stefan Cordina issekonda l-mozzjoni. Il-Membri qablu unanimament.

6.1.2 Kien ukoll preżentat ir-rapport finanzjarju tal-ewwel kwart tas-sena 2023. Angelo Micallef ippropona li jkun approvat. Anne Marie Muscat Fenech Adami issekondat il-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

**7.1 Affarijiet oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Regjonali li jkunu meħtieġa;**

**7.2 Waste Collection –** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li ħa jiżdied addendum addizzjonali dwar il-kartun kummerċjali. Huwa qal li l-kwotazzjoni mibgħuta mill-kuntrattur, wara numru ta' diskussjonijiet mal-istess kuntratt, intbagħatet lid-Dipartiment tal-Kuntratti għall-approvazzjoni tagħhom.

Saret diskussjoni fuq il-ġbir tal-ħġieġ. Kyle Mifsud ippropona li l-ġabra addizzjonli tal-kartun għandha ssir il-Ġimgħa, ħalli hekk jinġabar ukoll il-kartun li fih jinħareġ il-ħġieġ. Alfred Grima issekonda l-proposta. Il-membri qablu unanimament. Is-SE ser jitkellem mal-kuntrattur u jara jekk hux possibli.

**7.3 DPO –** Il-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar bagħat proposta li s-servizz ta' Data Protection Officer jibda jinħareġ mir-Reġjun għan-nom tal-Kunsilli kollha. Kyle Mifsud propona li din il-proposta tkun approvata u jinħareġ tender mir-Reġjun għall-Kunsilli kollha. Paul Vella issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

**7.5 EOI Uffiċċju** – Is-SE talab lill-membri jikkonsidraw li tinħareġ Expression of Interest għal spazju ġdid għar-Reġjun. Wara diskussjoni li saret, il-membri qablu li għalissa ma tinħareġ l-ebda EOI.

7.4 Bjorn Bonello semma l-skema tal *Cat Feeders,* fejn spejga il-progress li kien hemm, il-ħruġ ta skema tat-tiswijja tal-qattes. Semma ukoll l-stake holders engament rigward il-Victoria Lines, fejn intbaghet komunikazjoni li dawk involuti.

## - 2.8 Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-iskeda 160 kienet ippreżentata. Paul Vella ippropona li tkun approvata. Kyle Mifsud issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

## - 2.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-tmienja u nofs ta' filgħaxija.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tlieta, 13 ta' Ġunju 2023, fis-sitta ta' filgħaxija.

Anne Marie Muscat Fenech Adami
Viċi President

George Abdilla
Segretarju Eżekuttiv

Approvati llum, it-Tlieta 13 ta' Ġunju 2023



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt